KLR14/VI/2010

Minuti ta' l-erbatax -il laqgħa tas-sitt Kunsill Lokali tar-Rabat Għawdex. Din inżammet fl-uffiċċju amministrattiv tal-Kunsill nhar it-Tnejn 28 ta' Ġunju 2010 fil-17.30.

PREŻENTI:- Is-Sindku, l-Av. Samuel Azzopardi, il-Viċi Sindku Marċel Tabone, il-membri Dr. Michael Portelli, Joseph Debrincat, Michel Buttiġieġ, Josef Schembri u Carmel Theuma u s-Seg. Eżekuttiva Miriam Attard.

Intqalet it-talba u ġew approvati l-minuti ta' l-aħħar laqgħa.

**1. Mozzjonijeit f'isem il-membri**

Mozzjonijiet 49 u 50 ġew imressqa mill-kunsillier Debrincat u ssekondati mis-Sindku.

**Mozzjoni numru 49**

**Permezz ta' din il-mozzjoni qed nitlob sabiex jintalab lit-Tranport Malta (TM) biex Triq l-Iskola kantuniera ma Pjazzetta Patri Akkursju Xerri u Triq Alfons Maira Ħili jsiru *one way*. Qed nipproponi li l-vetturi jidħlu minn Triq l-Iskola u jibqgħu sejrin għal Triq Alfons Maria Ħili u joħorġu għal Pjazetta Tomba. Ir-residenti ta' dawn it-toroq imsemmija qed jilmentaw li sikwit ikun hemm konġestjoni tat-traffiku speċjalment jekk xi vettura tinzerta dieħla minn Triq l-Iskola u oħra tkun ser toħroġ fid-direzzjoni ta' Triq Vajrinġa. Ma din il-mozzjoni qed nehmeż *sketch* kif proposta.**

Il-membri qablu li l-Perit iħejji l-pjanta tat-traffic management ta' din l-*area* biex jintalab il-peremss tat-TM.

Mozzjoni numru 50

Nissuġġerixxi li jintalab il-permess tat-TM biex Triq Borġ Geirtu ssir *one way* il-fuq, minħabba li qed ikun hemm xi kollużjonijiet bejn vetturi li jkunu ġejjin jew sejrin minn direzzjnijiet opposti. Fl-istess waqt nipproponi li Trqi Antonio Mallia ssir *one way* l-isfel.

Din il-mozzjoni ġiet irtirata peress li diġa' saret it-talba tal-Kunsill u nħareġ il-permess tat-TM.

Mozzjonijiet 51 u 52 ġew imressqa mill-kunsillier Portelli u ssekondati mill-kunsillier Buttiġieġ.

**Mozzjoni numru 51**

**Permezz ta' din il-mozzjni nipproponi li jsiru rumble strips fi Triq Santa Dminka kif immarkat fuq il-pjanta annessa. Dan minħabba diversi lmenti mir-residenti fuq sewqan eċċessiv li huwa ta' periklui u li jista' jirriżulta f'xi nċident.**

Il-membri qablu li qabel issir xi talba jittieħdu l-opinjonijiet tar-residenti kif isir is-soltu meta tkun proposta xi *road hump* jew *rumble strips.*

**Mozzjoni numru 52**

**Permezz ta' din il-mozzjoni nitlob li jitqaxxar it-tarmak u jitpoġġa mill-ġdid fejn hu mmarkat fuq il-pjanta annessa; jiġifieri kantuneira bejn Triq Ġużè' Ellul Mercer u Triq Aniċi. Ir-raġuni hi li qed jinġabar ammont ta' ilma tax-xita li qed ikun ta' inkonvenjent għar-redsidenti ta' l-inħawi.**

Il-membri qablu li jintalab il-parir tal-Perit u x'xogħol hemm involut.

## 2. Offerti

### 2.1 Tindif ta' Toroq

Is-Seg. Eżekuttiv resqet ir-rapport wara li saru l-laqgħat tal-bord ta' l-aġġudikazzjoni u dan skond dokument A anness. Il-membri qablu li l-Kunsill joqgħod fuq dan ir-rapport u l-kuntratt għandu jingħata lil-Nicholas Żammit. Gie maqbul ukoll illi sa meta jibda jopera jrid jippreżenta l-permessi neċessarji li jinħarġu mill-MEPA rigward il-vettrui li jintużaw għall-ġarr ta' l-iskart. Il-kuntratt għandu jinbeda mill-1 ta' Awwisu 2010.

### 2.2 Tindif ta' Latrini Pubbliċi

Is-Seg. Eżekuttiv resqet ir-rapport wara li saru l-laqgħat tal-bord ta' l-aġġudikazzjoni u dan skond dokument B anness. Il-membri qablu li l-Kunsill joqgħod fuq dan ir-rapport u l-kuntratt għandu jingħata lil-Nancy Cefai u l-kuntratt jibda mill-1 ta' Awwissu 2010.

## 3. Mużew Pjazza Indipendenza

Is-Sindku ressaq proposta sabiex il-Kunsill jitlob id-devoluzzjoni ta' post fi Pjazza Indipendenza li hu tal-Gvern. Dan kien jintuża bħala ħanut ta' arluġġar. Is-suġġeriment hu sabiex jiġi konvertit f'mużew li fih jinkorpora l-fdalijiet u l-oggettii kollha li nstabu minn David Trump meta fis-sittinijiet (60's) saret trinka fi Pjazza Indipendenza sabiex jghaddi d-drenagg tal-latrina pubblika li tinsab taħt l-art. Il-membri qablu li jinbeda dan il-proċess.

## 4. Banca Giuratale

Is-Sindku għarraf lill-preżenti li wara diskussjonijiet mal-Ministru għal Għawdex, l-Onor. Ġiovanna Debono, il-Kunsill wasal sabiex ikun jista' juża kamra mill-pjan t'isfel tal-Banca Giuratale. Din biex tintuża bħala *front office* u sabiex il-pubbliku jkollu aċċess għall uffiċċju tal-Kunsill mingħajr it-taraġ. Il-kamra hi dik li fiha bieb li jiżbokka quddiem it-Telgħa tal-Belt. Hekk imbagħad il-Kunsill ikun jista' jirranġa l-parti ta' fuq, fejn jinsab il-Kunsill bħalissa, u s-sala tal-Kunsill tkun tista' titkabbar.

## 5. Kollezzjoni Banca Giuratale

Is-Sindku propona li l-Kunsill, darba f'sena, jixtri biċċa pittura jew oggett ta' arti li tkun ta' artist Rabti. Filfatt is-sala prinċipali tal-Kunisll diġa' hi mżejna b'pittura minn ta' John Grima. Il-membri qablu ma dan.

## 6. *European Parliament Magazine*

Is-Sindku għarraf lill-preżenti li ġie avviċinat minn rappreżentanti ta' dan il-*magazine*. Il-Kunsill tar-Rabat telgħa b'lott ma seba' lokalitajiet madwar l-Ewropa. Dan il-*magazine* joffri spazju fejn il-Kunsill ikun jista' jġib dettalji li jrid fuq il-lokal. Il-pagament hu ta' €2,400. Il-membri qablu li l-Kunsill għandu jiffoka fuq il-lat kummerċjali tal-lokal.

## 7. Pjazza San Ġorġ

Is-Sindku għarraf lill-preżenti li nbeda x-xogħol tad-dawl fi Pjazza San Ġorġ u l-materjal qed jasal minn barra permezz tal-kuntrattur li ħa l-offerta. Rigward il-funtana is-Sindku ssuġġerixxa li ssir ġimgħa ta' konsultazzjoni pubblika fejn il-mudell tal-funtana ta' Pjazza San Ġroġ jiġi esebit fis-sala tal-Kunsill. Hekk il-pubbliku jkun jista' jagħti l-veduti tiegħu.

## 8. Kuntratt ġdid għall-Ġbir ta' l-iskart domestku (organiku)

Waqt id-diskusjoni ġie deċiż li:-

i. il-ġbir ta' l-iskart organiku jibda' jsir filgħodu, kull nhar ta' Tnejn, l-Erbgħa, il-Ġimgħa u s-Sibt,
ii. il-ġbir ta' l-iskart separat isir filgħodu, it-Tlieta u l-Ħamis,
iii. il-ġbir ta' l-iskart ma jsirx fil-Ħdud u fil-ġranet tal-Ġimgħa l-Kbira, Santa Marija, il-Milied u l-ewwel tas-sena.

## 9. ERY Network – Annual General Meeting

Is-Sindku għarraf lill-preżenti li l-Kunsill ser ikun rappreżentat fl-AGM ta' l-ERY Network permezz ta' delegazzjoni ta' 5 persuni li huma is-Sindku, Marija Buttiġieġ li hi *Assistant Head* mid-Diaprtiment ta' l-Edukazzjni u John Borġ, Josmar Sailba u Maira Dimech mill-Youth Local Council. 70 fil-mija tat-titjiriet u 100% tall-akkomodazzjoni u opitalita huma koperti mill-Unjoni Ewropea u t-tlett studenti ntalbu jħallsu €100 kull wieħed. Il-membri qablu li jintbgħatu

crew minn Citadel Productions sabiex ikopru l-*press*. Dan l-AGM ser isir fl-Isvezja bejn il-11 u s-16 ta' Lulju 2010.

## 10. Sotto-Kumitati

Il-membri qablu li għas-sotto-kumitat ta' l-isport tintalab il-koperazzjoni tas-Sinjuri Marija Buttiġieġ, Darren Briffa, Jason Vassallo, Ruben Mercieca u Melchiorre Cremona. Il-kunsillier Theuma għandu jieħu ħsieb is-sotto-kumitat ta' l-ambjent.

## 11. Korrispondenza

Tressqet korrispondenza mingħand:-

11. id-Dipartiment għall-Gvern Lokali rigward:-
11.1.1 Memo 73/2010 – Inizjattiva Premju Lokalitajiet Indaf. Il-membri qablu li tiġi sottomessa l-applikazzjoni lid-Dipartiment għal Gvern Lokali;
11.1.2 Memo 12/2010 – Għajnuna għat-tħawwil ta'siġar. Il-membri ġew mgħarrfa li billi kien hemm talba qawwija, din l-iskema ser tiġi sospiża temporanjament;
11.1.3 l-għotja għall-attivitajiet kulturali fejn lill-Kunsill għaddewlu (€2,500) parti minn din l-għotja;

11.2 il-MEPA rigward:-
11.2.1 applikazzjoni ta' Joyce Dimech għan-nom ta' l-Isptar Ġenerali sabiex isir *child day care centre*, (pa 02357/09);
11.2.2 applikazzjoni ta' Mary Eucharistica Farruġia sabiex jinbidel l-użu ta' ħanut fi Pjazza San Ġorġ għal-*snack bar* u jitpoġġew l-imwejjed u s-siġġijeit barra, (PA 02403/10);
11.2.3 iċ-Ċittadella fejn ġiet protetta bħala Żona Speċjali ta' Konservazzjonoi (SAC) ta' importanza internazzjonali skond il-provvediment tar-regolamenti ta' l-2006 dwar il-protezzjoni tal-flora, fawna u ambjent naturali (avviż legali 311 ta' l-2006);
11.2.4 applikazzjoni tal-Kunsill (PA 02184/10) sabiex jiġi restawrat il-bini minn ġew tal-Banca Giuratale u jsiru alterazzjonijiet minuri;
11.2.5 applikazzjoni (PA 02044/10) tal-Kunsill fejn intalab pagament *extra* fuq l-applikazzjoni ta' €1,148;

11.3 it-Transport Malta (TM) rigward:-
il-ħruġ ta' peremss sabiex:-
jitneħħew il-parkeġġi riservti għall-Enemalta fi Triq Sir Arturo Mercieca;
11.3.1 Triq Borġ Geritu issir *one way*;
11.3.2 issiru żewġ *no entry signs* għall-vetturi tqal. Din miż-żewġ naħħat ta' wara s-*central strip* fi Triq Papa Ġwanni Pawlu II;
11.3.3 isir *continuous white line* f'taċ-Ċawla H.E.;
11.3.4 jinżebgħu il-*parking bays* madwar il-piċċ tal-boċċi fi Triq it-Tabib Anton Tabone;
11.3.5 isir parkeġġ riservat għall-persuni b'diżabilita quddiem 'St. Jude', Triq Frotunato Mizzi. Din għal sena;
li ma nhariġx il-permess għall-

11.3.6 parkeġġ għall-persuni b'diżabilita quddiem, 4,Triq Għajn Qatet u quddiem 73,Triq Vajrinġa;

11.4 il-Qorti tal-Maġistrati rigward rikors numru 26/2010AE għall-ħruġ ta' mandat ta' inibizzjoni. Dan jirrigwardja l-mandat li sar minn diversi bejjiegħa tal-kiosks waqt il-festi. Dan il-mandat gie michud u l-Kunsill jista' jipproċedi sabiex ipoġġi l-kiosks ta' l-ikel bil-*Bus Terminus* ta' Triq taħt Putirjal;

11.5 Joseph Borġ fejn talab sabiex ikollu permess ibiegħ il-ħut fi Pjazza San Franġisk. Il-membri qablu li ma jinħarġux permessi simili għall-Pjazza San Franġisk. Dan peress li tradizjonalment il-bejjiegħa tal-ħut ikunu fi Pjazza Indipedenza;

11.6 l-Arċipriet tal-Katidral fejn talab lill-Kunsill sabiex meta jkun hemm l-attivitajiet tal-Kunsill, vetturi li jkunu jridu jipparkjaw fil-pjazza tal-Katridarla sabiex jidħlu għall-quddies fil-Katidral, dawn jitħallew jipparkjaw liberament waqt il-funzjoni. Il-membri qablu;

11.7. Urban Legend fejn issuġġerew li jipparteċipaw fl-attivita' li l-Kunsill jorganiżża mal-ħwienet ta' Pjazza Indipendenza kull nhar ta' Ġimgħa;

11.8 Anton F. Attard fejn talab li jitkomplew il-bankini quddiem propjeta' tiegħu fi Triq il-Kunsill Ċiviku. Il-Kunsill kien għamel bankini f'din it-triq u għaldaqstant il-memri qablu li dawn jitkomplew.

11.9 John Saliba – Manaġer – Tiġrija Palazz, fejn talab li ssir *un/loading bay* għall-ħwienet fi Triq taħt Putirjal. Billi t-Tiġrija Palazz diġa' għandha *un/loading bay* fi Triq Repubblika, il-membri qablu li s-Sur Saliba jiġi mgħarraf sabiex jara fl-liema triq jippreferi li tkun din l-*un/loading bay*;

11.10 Gozo Folk Group Astra fejn talbu għajnuna finanzjarja sabiex jippubblikaw ktieb li ser jintuża għall-parteċipazzjoni f'Festival fil-Portugal. Billi din it-taloba tmur kontra l-liġi tal-Kunsilli Lokali, il-membri ma aċċettawhiex;

11.11 Nigel Buxton fejn talab għajnuna finanzjarja sabiex itella' wirja ta' pittura. Billi din it-taloba tmur kontra l-liġi tal-Kunsilli Lopkali, il-membri ma aċċettawhiex;

11.12 l-uffiċċju tal-President fejn iż-żjara uffiċċjali tal-Predisent ta' Malta tħassret u giet rimandata ghal zmien iehor li jkun maghruf iktar -il quddiem. Dan minhabba illi bl-incident li sehh ic-Cina l-President kien waqa lura fl-impenji tieghu.;

11.13 Malcolm Meilak fejn bgħat kopja tal-*feasibility study* rigward l-*Inegrated Cultrual, Archeological and Historical Trail* fir-Rabat.

**12. Materji oħra**

Il-membri qablu li:-

12.1 jerġa' jiġi organiżżat il-Marsovin Wine Festival. Il-Kunsill ser jieħu ħsieb id-dawl, *sound* u tindif. Dan bejn mit-30 u l-31 ta' Lulju 2010;

12.2 titranġa l-arma tal-Kunsill li hemm fil-bidu ta' Triq Palma;

12.3 il-Viċi Sindku jipparteċipa fil-Comenius Project ta' l-Iskola Primarja Sir Arturo Mercieca. Dan f'Palermo bejn it-18 u t-23 ta' Lulju2010. L-ispejjes huma kollha mħallsa minn dan il-proġett;

12.4 tinqala' r-*road hump* li baqa' fi Triq Mons. Luiġi Vella;

12.5 jinxtara memento għall-Victorai Hotspurs F. C. peress li rebħu diversi titli matul din is-sena sportiva fosthom il-kampjnat ta' l-ewwel diviżjonio. M'għandiex tinqabeż is-somma ta' €250.

12.6 titkompla l-bakina fi Triq l-Iskopla minn fejn l-uffiċċju tan-Nutar Christian Żammit lejn Triq Karita;

12.7 jinxtraw it-trofej għat-tiġrijiet taż-żwiemel tal-festi ta' San Ġorġ u Santa Marija;

12.8 jinxtraw *lapel badges* bl-arma tal-Kunsill lill-Kunsilliera;

12.9 jitranġa gandott imħarbat li hu twil ftit piedi, li jinsab wara l-bejjiegħa tal-ħaxix fil-parkeġġ il-kbir;

12.10 il-Kunsill jipparteiċpa fil-loġistika tal-Victoria International Arts Festival;

12.11 jintalab il-peremss tat-TM sabiex maġenb il-monument ta' Kritu Re fit-Tokk issi rampa li tkun aċċessibli għal-siġġu tar-roti;

12.12 jinħarġu l-permessi ta' *one day events* għall-*promotion* tal-Vodafone fil-parkeġġ ta' maġenb l-Arkadia fis-17 ta' Lulju 2010 u biex quddiem il-każin tal-PL tintrama *stand*;

12.13 jinbena ċint li jservi ta' protezzjoni kemm għall-vetturii u kemm għall-*pedestrians*, maġenb il-wied li jeħdok għal-Wied tal-Lunzjata. L-istima ta' Sunny Vella hi ta' €475 VAT inkluża;

12.14 jintalbu stimi sabiex jitnaddaf il-Wied tal-Ħamamiet, mill-mina sal-Lunzjata. Ix-xogħol għandu jsir bil-*bobcat*.

Il-laqgħa spiċċat fit-20.30.

| | |
|---|---|
| Dr. Samuel Azzopardi | Miriam Attard |
| Sindku | Seg. Eżekuttiv |